**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*
*Il-President*

29.01.2025

Is-Sur Niclas Herbst
President
Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit
Spinelli 14E202
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-kwittanza 2023: Baġit ġenerali tal-UE – Il-Kummissjoni (COM 2024/0271 – C10-0067/2024 – 2024/2019(DEC))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tat-3 ta’ Ottubru 2024, iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta’ ittra.

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali adotta l-ittra fid-29 ta’ Jannar 2025, u ddeċida li jitlob lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa’ s-sejbiet tal-Qorti tal-Awdituri (il-Qorti) dwar is-sena finanzjarja 2023; ifakkar li n-nefqa fuq l-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tammonta għal 97 % tal-infiq fuq “Riżorsi naturali u ambjent”, li tirrappreżenta 31,1 % tal-infiq globali tal-baġit tal-UE;

2. Jilqa’ l-fatt li l-istrument Next Generation EU (NGEU) saħħaħ diversi programmi u politiki eżistenti tal-UE, inkluż il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, sabiex ikompli jappoġġja lill-bdiewa;

3. Jilqa’ wkoll il-fatt li proporzjon kbir mill-baġit (madwar 3/4 tal-baġit) huwa ġestit taħt sistema ta’ ġestjoni kondiviża mill-Kummissjoni b’kooperazzjoni mal-Istati Membri, b’mod partikolari fl-oqsma tal-fondi strutturali u tal-agrikoltura;

4. Jinnota li r-rata ta’ eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta’ impenn naqset bi ftit meta mqabbla mal-2022 hekk kif baqgħet 97,97 % (98,53 % fl-2022) u ammont totali impenjat ta’ EUR 54.067,25 miljun; jifhem li dan it-tnaqqis huwa marbut ma’ rata aktar baxxa ta’ implimentazzjoni tan-Next Generation EU (NGEU), l-IPA II u l-FAEŻR; josserva wkoll li r-



Magħquda fid-diversità

rata ta' eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament naqset bl-istess mod għal 97,17 %, meta mqabbla mar-rata ta' 98,58 % fl-2022, u l-ammont totali mħallas ta' EUR 57.555,70 miljun, għal raġunijiet simili;

5. Jinnota li l-komponent prinċipali tan-nefqa rikonoxxuta fir-rapporti finanzjarji konsolidati huwa n-nefqa taħt il-modalità ta' ġestjoni kondiviża, liema nefqa tinkludi, fost l-oħrajn, il-fondi li ġejjin: (i) il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), (ii) il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u strumenti oħra ta' żvilupp rurali;

6. Jinnota, f'dan il-kuntest, ir-rata ta' implimentazzjoni aktar baxxa milli mistenni tal-finanzjament mill-FAEŻR għall-perjodu 2023–2027, b'rata ta' assorbiment ta' 1 % biss fi tmiem l-2023, b'pagamenti li jammontaw għal EUR 0,7 biljun, u jistenna li r-rata ta' assorbiment tiżdied b'mod sinifikanti matul il-perjodu ta' rapportar li jmiss;

7. Ifakkar li, skont il-Qorti, filwaqt li r-rata ta' żball ġenerali għall-intestatura 3 hija ta' 2,2 %, din hija materjali, jiġifieri ogħla minn 2,0 %, biss għal oqsma ta' nfiq b'riskju għoli bħall-iżvilupp rurali u l-miżuri tas-suq, bl-ogħla għadd ta' żbalji kwantifikati li nstabu jaffettwaw it-tranżazzjonijiet tal-iżvilupp rurali; jirrimarka, madankollu, li dan huwa parzjalment dovut għall-kumplessità tal-iskemi ambjentali fil-programmi ta' żvilupp rurali u l-kwistjoni negattiva rikonoxxuta ta' "gold-plating" (regolamentazzjoni żejda) fil-livell nazzjonali; jisħaq li l-livell ta' żball stmat li nstab huwa prinċipalment relatat ma' benefiċjarju/attività/proġett/nefqa ineliġibbli (35 %), żbalji amministrattivi (21 %) u l-għoti ta' informazzjoni mhux preċiża dwar żoni jew annimali (20 %);

8. Jilqa' l-fatt li r-rata ta' żball għall-pagamenti bbażati fuq id-drittijiet, inklużi l-pagamenti diretti għall-bdiewa, għadha taħt il-livell limitu ta' materjalità, kif kienet fl-2022; jistieden lill-awtoritajiet responsabbli jkomplu jaħdmu biex inaqqsu din iċ-ċifra saħansitra aktar;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li anke skont il-mudell il-ġdid tal-implimentazzjoni tal-PAK ir-rata ta' żball tibqa' baxxa, inkluż permezz ta' mobilizzazzjoni mtejba tal-għodod diġitali u trasparenza msaħħa; jisħaq li l-iskemi ambjentali fil-programmi ta' żvilupp rurali jridu jkunu ċari fl-objettivi tagħhom b'miri li jistgħu jintlaħqu b'mod realistiku għall-benefiċjarju; jilqa' l-valutazzjoni tal-Qorti li r-rakkomandazzjoni tagħha li tappoġġja l-użu ta' teknoloġiji ġodda għall-prevenzjoni ta' żbalji fil-pagamenti tal-PAK ġiet implimentata bis-sħiħ;

10. Jenfasizza, barra minn hekk, li r-Rapporti Annwali dwar il-Prestazzjoni (APRs) huma element ewlieni tal-mudell il-ġdid ta' implimentazzjoni bbażat fuq il-prestazzjoni għall-PAK 2023–2027, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġja l-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw mill-iżvilupp tas-sistemi ta' rapportar dwar il-prestazzjoni sabiex tippermetti l-implimentazzjoni tas-sistemi tal-APR għall-interventi kollha;

11. Jisħaq li, sabiex jissaħħu l-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-agrikoltura Ewropea, huwa essenzjali li jittaffa l-piż eċċessiv amministrattiv, ta' rapportar u regolatorju fuq il-bdiewa;

12. Jilqa' ż-żieda fil-kompetittività miksuba permezz ta' miżuri tas-suq fis-settur tal-inbid u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipperseveraw fl-isforzi tagħhom biex jirreplikaw dan is-suċċess f'setturi oħra;

13. Jinnota r-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri biex tiġi eżaminata l-effikaċja tal-arranġamenti nazzjonali biex jiġi limitat l-appoġġ tal-UE għal azjendi agrikoli kbar u biex jiġu vvalutati l-miżuri tal-Istati Membri biex jillimitaw il-pagamenti diretti;

14. Ikompli jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-abbuż, il-frodi, l-amministrazzjoni ħażina u l-każijiet ta' kunflitt ta' interess kollha jaffettwaw il-kisba tal-objettivi tal-politika tal-UE u l-użu xieraq tal-fondi tal-UE; il-miżuri kontra l-frodi għandhom għalhekk ikunu għodda importanti fil-ġlieda kontra l-irregolaritajiet kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-Istati Membri, peress li jikkondividu r-responsabbiltà għall-ġlieda kontra l-frodi fl-infiq tal-PAK; jinnota li l-Qorti sabet li, għalkemm hemm fis-seħħ oqfsa għall-identifikazzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, għad hemm lakuni fil-promozzjoni tat-trasparenza u fl-identifikazzjoni ta' sitwazzjonijiet fejn hemm riskju ta' kunflitt ta' interess.

Dejjem tiegħek,

Veronika Vrecionová

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Il-President fil-kapaċità tagħha bħala rapporteur għal opinjoni tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà eskluživa tagħha, li ma rċeviet  l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.